~~[crossed out]~~
SALESIAN THEATRE
— SLIEMA —

SCRIPT No. 289

B G

Name Il-Vot
Subject Sketch ta'
Date Clo. Ciantar.

C. ABELA & Co.
9, MERCHANTS STREET, VALLETTA
MALTA
PHONE: C. 4725

# IL-VOT.

(Att uniku ta' C. CIANTAR).

Ix-xena turi kamra komuni (uffiċju elettorali f'Għawdex). Mejda, skrivanija u ritratti tal-kanditati mdendlin fi strixxa biex jintwerew lill-votanti.

Għal ftuħ tax-xena jinstemgħu xi nies minn barra. Pulizija fil-bieb biex iżomm il-kontrol. Żewġ skrivani fuq il-mejda.

—— o ——

Persunaġġi

| | |
|---|---|
| Oreste (skrivan) . . . . . | O. Vassallo |
| Sieħbu . . . . . . . . | J. Zammit |
| Ġanni } Votanti . . . . . | J. Farrugia |
| Pinu } Votanti . . . . . | J. Navarro |
| Katarin } . . . . . . . | C. Ciantar |
| Pulizija | |

u Poplu.

Suġġeritur . . . . . . .

# L-EWWEL XENA

(Oreste, Sieħbu, Pulizija u Ġanni).

**Oreste** — Daħħal ieħor.

**Pulizija** — Ara min imissu.

**Katarin** — (minn ġewwa) Jien surġent.

**Ġanni** — (in xena) Dan tidħol int kif? Mela aħna mgħoż?

**Pulizija** — Għaddi Ġann u neħilsuha.

**Katarin** — (lill-Pulizija) nirranġakom jien.......

**Oreste** — Żommli dagsxejn tal-kwiet hemm barra għax ma nifthemux.

**Ġanni** — Dags kemm hemm injoranti hemm barra!

**Oreste** — Għidli sieħeb, għal min trid tivvota? Inti taf tikteb?

**Ġanni** — Le sinjur, imma naf lil min irrid natih. Għal tal-Gvern.

**Oreste** — Għandna waħda. X'jiġifieri għal tal-Gvern?

**Ġanni** — Jiġifieri għal dawk li jaħdmu għall-Gvern.

**Oreste** — Inti taf li ġejt tivvota, hux?

Ganni | Da' zgur għandi l-permess. Hawn arah. (juri il-vot.)
Oreste | Dak vot jgħidulu Ganni, issa la ma tafx tikteb għidli lil min trid tatih.
Ganni | Ngħidlek kif inħossha sinjur. Nixtieq natih lil Dun Salv il-Kappillan tagħna.
Oreste | Il-Kappillan ħareġ kandidat?
Ganni | Mgħandux ikun. Jien ħallejtu fis-sagristija.
Oreste. | Ma fhimtnix Gann. Voldieri lill-kappillan ma tistax tatih il-vot.
Ganni | Le miskin! X'tagħt impattihulu għax għandi daqsxejn ta' obbligazzjoni. Kien jiġhu pjaċir bih, imma la ma nistax.
Oreste | Insomma Gjann lil min trid tatih?
Ganni | Ngħidlek il-veru sinjur, mill-ewwel għamilt ħsieb l'intih lill-kappillan, imma la ma nistax, tih lil min trid. Hudu int sinjur, m'għandix x'nagħmel bih. Ħa hawn ~~vit~~ tal-mara wkoll ikollok tnejn.
Oreste | Gjann, il-vot ma tatihx lil min ifettillek int?

Ganni | Mela għalfejn qiegħed issaqsini lil min irrid intih?

Oreste | (Iqum) Ara Gjann, il-vot tista' tatih lil ~~min~~ dawn is-sinjuri biss.

Gjanni | Lil dawn? Ara ħaqq! Dawn kollha jew Għawdex. Dawn jobgħodu lil xulxin sinjur. Kemm tagħajru bejniethom.

Oreste | Insomma għażel Gjann, tihom numru kull wieħed.

Gjanni | Dawn huma lotterija sinjur? X'numru hu? Jien magħandix grazzja ma ħadd minnhom.

Oreste | Santa pacenzja. Ara Gjann, dawn tal-Labour, dawn tal-Partit Malti tal-Haddiema, dawn Nazzjonalisti u dawn Kostituzionali. Għażel Gjann.

Gjann | Sinjur, milli tidher tafhom tajjeb int! Ara, għażel u tih lil min trid int għax jien.......

Oreste | Jien ma nistax nagħmlu dax-xogħol, Gjann Għidli int. Dan ta' l-ewwel, dan tat-tieni u ibqa' sejjer hekk.

**Ganni** — La tridni nagħżel nieħu l-ewwel lil dan, it-tieni l-dan. Grazzjuż hu dan! (Jagħmel biex jaqlagħhom.)

**Oreste** — Ġann, iddew~~[illegible]~~ wimmiex, tieħu ma tista' lill-ebda wieħed; Għinef lil dan mhux wieħed, lil dan it-tnejn, u tħalli bollox hemm fint?

**Ganni** — Ftit inqas fint jien fejn naf. imma aħna nagħmlu hekk biex ma jiġġilduż. Ha hawn il-permess tiegħi u tal-mara, jeħodhom miri irid. Aħna fir-raba' nifhmu. Saħħa (jitlaq igorr).

**Oreste** — X'paċenzja trid tieħu. Jgħaddi ieħor.

## XENA T-TIENI

(L-istess tlieta u Ninu.

**Pulizija** — Għaddi Nin.

**Katarin** — (minn ġewwa) Ara, ġà qabżuni darbtejn taf! Miegħi għandek tagħmilha.

**Oreste** — Żommu l-queue hemm barra.

**Pulizija** — Ħa nniżżlek ta Katarin.

Ninu | (jidhol ġewwa) Għadek ma taf x'fiha dik sinjur! U ma nafx kemm tigbor nisa magħha. Intant għidli sinjur x'għandi nservik?

Oreste | Mhux biex tivvota ġejt, Nin?

Ninu | Iva sinjur, ma qabel nixtieq inkellem lil dak is-sinjur li l-aħħar darba ġie jirreċpa fuq truck u qal li jrid jirranġa lilna tal-grocers, ħalli nifthemu ftit x'hemm bżonn.

Oreste | Nin, ejja nifthemu sewwa. Dan huwa l-uffiċju fejn tivvota għall-Kunsilieri l-ġodda tal-Gvern.

Ninu | Naf, naf, mela r-ration mhux tal-gvern ukoll? Aħjar kif jien hawn nitkellmu daqsxejn.

Oreste | Ibni, imma hawn ma hawnx lil min tkellem. Hawn biex taghti l-vot biss.

Ninu | Imma allura għidli daqsxejn. Lill-dak is-sinjur jiżbaljalu jekk irid jgħaddi biż-żmien lil Għawdxin.

Oreste — Allura int, anqas taf għalfejn ġejt hawn?

Ninu — Fejn naf! Il-bieraħ ġie wieħed minn Malta fil-ħanut tiegħi u beda jgħid biex noqgħodu attenti għax nistgħu nirvinaw Għawdex jekk ma niġux hawn bil-permess

Oreste — X'permess hu?

Ninu — Tajba din! Il-permess tal-ħanut jien dejjem ħallastu sinjur taf, u għandi d-dritt nitkellem.

Oreste — Imma hawn............

Ninu — Sinjur, jiena Ninu l-Kalandra, jafni kulħadd u fil-kondotta magħndi xejn.

Oreste — Sewwa wisq, imma...........

Ninu — U jekk xi ħadd ġie jagħmilli xi rapport sinjur, kollha għira għax jien ma ngarrvaq b'ħadd, u jekk trid ejj'ara l-miġsien tiegħi......

Oreste — Stenna, stenna ta'min jgħidulek int?

Ninu — Ninu l-Kalandra.

Oreste — Sewwa wisq qgedin f'fostna . Mela Ninu hawn huwa l-uffiċju tal-votazzjoni fejn il-

| | |
|---|---|
| | poplu jagħżel lil min għandu jmexxi lil Malta u l'Għawdex. |
| Ninu | Kif inhi din, sinjur. Mela l'Għawdex sejrin iċċaqalquh minn postu? |
| Oreste | (jitlef il-paċenzja) Tgħidli qalbi, intom sejrin iċċaqalquli moħħi minn postu. Nin, għidli int qatt ma vvutajt? |
| Ninu | Darba sinjur mort Malta u kien bahar jibla' l-art....... |
| Oreste | (Jqum) Nin, dawn is-sinjuri li qed tara fir-ritratti jipprejentaw invieħhom biex jiddefendu u jieħdu ħsieb l-interessi ta' l-Għawdxin. Tridhom jagħżu għalikom? |
| Ninu | Da'żgur li rridhom! |
| Oreste | Mela Nin, ara għażel minn dawn is-sinjuri min trid jiddefendik l-ewwel wieħed, it-tieni wieħed, it-tielet wieħed u ibqa' sejjer hekk wieħed wara l-ieħor. |
| Ninu | Dax-xogħol kollu għalfejn. Ngħidilhom jiddefendu lkoll fsalt. |
| Oreste | Wieħed, wieħed Nin. Għażel f'min għan- |

dek fiduċja l-aktar.

Ninu (Iħares lejn ir-ritratti) Ara sinjur, lil dan smajtu jgħid li ser jgħamlilna Għawdex genna ta' l-art. Mela ċafċaflu l-ewwel wieħed. Dan sinjur smajtu jgħid li jekk ikun hemm hu Gvernatur, ma jitħodniex għal-Lieva. Dan raġel, tih l-ewwel wieħed ukoll.

Oreste L-ewwel wieħed, wieħed biss jista' jieħdu. Nin, intih it-tieni?

Ninu Basta ma jkollomx xi jgħidu bejniethom!

Oreste Ijjed Nin?

Ninu Jidħru kollha rġiel ta' kelmiethom. Qassamilhom wieħed wara l-ieħor int.

Oreste Tajjeb Nin, nagħmel kif tgħidli.

Ninu Grazzi sinjur, għandi nħallas xi ħaġa?

Oreste Mur, mur Nin. (Lil sieħbu) Inqas jaf x'għamel dan.

Ninu (jitlaq u jerġa lura) Ħares sinjur, għaddi sal-ħanut tu flisekum birra jew Katy Kola

~~sinjur~~ (jidhak).

| | |
|---|---|
| Oreste | Grazzi, Nin, grazzi. (wahdu) Eh, x'dinja din! Lehor surgent. |
| Pulizija | Ghaddi Katarin, rajtx kif wasalt. (ghajjat minn gewwa) |

XENA T-TIELET

(Katarin u l-istess tlieta)

| | |
|---|---|
| Katarin | (mara fuq tagħha gellieda) Hallu f'idejja. |
| Oreste | Ghaddi hawn, nekilsuha, tlift sagħtejn ma ta' qabbek. |
| Katarin | Isma mister, tghaggilnix taf. |
| Oreste | Inti taf tikteb? Taf taqra? |
| Katarin | Inti din x'affari tiegħek, siehef x'naf naghmel. Ilhaq astek, u x'naf jew ma nafx affari tieghi. Jiena hawn gejt biex niddefendi Ghawdex u l-Ghawdxin. |
| Oreste | Nibdew, inti hawn gejt biex taghzel il-kunsiljier, jekk joghogbok u tghajjatx. |
| Katarin | U zgur, u jien minhix x'Ingliza jew xi tfajla minn Malta. |

Oreste — Katarin jien ma ħsibtek xejn. Jien qiegħed hawn biex nirċievi l-voti u xejn aktar.

Katarin — Mela sewwa wisq, jiena ġejt biex tirċievi lili. Jien ġejt biex ngħidlek li n-nisa ta' Għawdxe għażlu lili u jien ma nibża minn ħadd u naf nitkellem.

Oreste — Katarin, hawn xi ħsibtu int?

Katarin — M'intix sejjer tgħallimni int. Naf, naf li dawk is-sinjuri li hemm fir-ritratti tapparsi jridu jaqlzu għalina izda dejjem daħku bina. Jiena rrid nuri lil kulħadd li mhux veru li l-bizzilla ħaġa ta' Malta, izda Gozo Lace u mhux Malta Lace kif jgħidu, u li l għefmiet ta' Għawdxe ma jirbħilhom ħadd. Li ~~aħna~~ l'agħra nies akbar u li għandhom f'Malta ~~huw~~ huma kollha Għawdxin. U rrid li aħna l-Għawdxin ikollna gvern għalina. Għandna l-isqof tagħna u rridu li jkollna gvern għalina wkoll.

Oreste — Stenna, stenna, Katarin. Inti hawn ġejt tagħmel meeting jew tivvota?

**Katarin** Nivvota? Jiena sejra noħroġ biex niddefendi lgħawdese u ħaġin għalih min imerini (iddur il-ġewwa) Triduni Gvernatura?

**Minn ġewwa** Irriduk, irriduk, viva Katarin.

**Oreste** Katarin, sejrin nispiċċawha hej? Inti trid tivvota jew le għax ser ngħid lil Pulizija jitfgħek 'il-barra.

**Katarin** Jekk għandek ħila itfagħni, biex inkissirlek kull m' hawn. Jiena Katarin ċapurri, kulħadd jivvota għalija.

## XENA L-AĦĦAR.

Ġeħorġu n-nies jerfgħu lil Katarin, jaqilbu l-mejda, jtajru r-ritratti, u minn ġewwa jindaqq id-disk 'Koncettina ċapurri.

## TMIEM.

CLO. CIANTAR.

## Scena IV

Oresti:- Sciomok?
Catarin:- Jen propriament Concettina
Oresti:- Kugnomok?
Catarin: Kugnomi?
Oresti:- Ija cugnomok, ghandek cugnom?
Catarin:- Ghandi ikun mighandhisc
Oresti:- Kif jista ikun mighandikx Catarin.
Catarin:- Propriament mhuisc mighandhisc ghaliex jen jisimni Concettina Caparri jghaidulí Catarin kaun f'Ghawdisc.
Oresti: Sewwa wisk jismek Concettina Cugnomok Caparri, u jghaidulek Catarin ralte kif jhemna? u minn fejn int Catarin?
Catarin: Mit-Togba?
Oresti: Il-tokba tal Birgu?
Catarin: Ghasc kijfad bisçanta? Mut-tokba tal Birgu, ma jidhirlisc li kaun tokot ghna barra tal Birgu.
Oresti:- Insomma mit-tokba tal Birgu fo nalla allura kif jghaidli mit-Ghawcija Catarin
Catarin: Ommi kif iz-zewwegt giet tokoghod Ghawdex mela ehh sena bis jen; allura l Ghawdex noktol ghaut jen
Oresti:- Issa nigu ghall affari tana, tal tichtiet Catarin?
Catarin:- Issa jiena domnot sejjer tghamilli citazioni, ma jidhirlekx li trid tal wisk ghamilli jnaw tmidahalsc, naf jew ina nafsc mitteb affari tijlai u mhux tijlaet

(il compliment fuq il pi/ogg)

PTO

Catani: Tivvota? Jena kemmek qed biesi nghaddilcom li atna kellom ghandesi ma ghandusc bzonn minn jigi jakkbes u jiddifendi l'interessi tghana ghasc atna nafu x'ghandna bzonn actar minn dauk li qeghdin bhafna discorsijiet

Oreste: Isma Catani thu l'affarijiet kollha nghid jek trid tivvota - ivvota jek ma trid tivvotax

Catani: Jen irrid insemmi minn fuq l'istorja tighu u irrid nghaidilcom li jena tghand il Kulma kil ghaucin collha il li jek ikun bzonn immur l'Ingilterra, ghasc atna chbit ma l'Inglizi

1. u marridux nghadilhu imma marridux nokghodu nincjappsu mal Maltin, ingib Gresti ghaunna kis, l'ikun collhu ghaucin.

2. u nghamel ligi li biesi jidhlu il Maltin f'ghandesi iridu icollom il Passaport bir-Intratt imbiddlat minni

3. Ma ridux jghaddu mit dobba ghaucin, biesi mardathomsi Influenza - Hozba - u mard iehor

4. Kulied ma marridhomsi seftun Malta.

5. Biesi il vapuri - l'ghajjes Maltin jidhlu fil port tghana iridu xhalsu 57 - cucl darba

6. Irridu li ~~tiffla~~ tiffla matigix ... actar ghasi jaqcilna - u nghamlu fuqa Tratju Xaqq - gazin - u affarijiet ta divertiment, l'Inglizi ... u jghatulna ghasi dak tghana

7. U flattarnett marridhasi icolna xnakonu mal Ghawm ta Malta biesi jidhlu u jinzel meta irid, hu u meta jieghu - u mhux jehdu il rot minn ghandesi u lankas ... pistaksuna iridu jen marridhasi fi il Gvern ... atna irriducollox tghana

Iskof ghandna - Dannus ghandna - Kotti ghanda irridu sedhu ghaunna - Gesu tagna mhux malti ghanci

# Il Parti ta PEPPINU DOUBLESIN.

Peppinu (Jitfacca mil fond) Hoy! Nista nithol jew ?
Asst.Com: Iva ghaddi !
Peppinu Allura ghawn irrid nigi jena ?
Asst.Com: Inti fejn rit tmur, sieheb ?
Peppinu Biex intellaw xi galantom hem fuq biex ikompli ipappi min fuqna.
Asst.Com: Insomma, insomma,... ic-Certificat fejnu ?
Peppinu Issa ghadu kif ghadda kelb b'rasu, signur !
Asst.Com: Isma gejn bic-cajt ?
Peppinu Eh...kellimni bil Malti lili taf u toqoc tkellimni tqil,fimt?
Asst.Com: Ghatlek dik il karta tal permess biex ti-vota gibta ?
Peppinu Din, Signur ? (Johrog ic-Certificat).
Asst. Com: Iva din.
Peppinu Ha (Inewwielielu).
Asst Com: Inti x'jismek ?
Peppinu Peppinu Doublesin. Il mara tajdli li jena 'DNUB DOPPIU' ghax l'inglisi kuniomi "DOUBLE SIN" jaqrawh .
Asst Com: Inti taf tikteb u taqra ?
Peppinu (Jaqalu par zarbun li ikollu taht drieghu f'karta u jigbru) Jen signur fir-rahal kulhadd jahsibni li naf naqra ghax naf xi kelma l'hawn u l'hemm bl'Inglis u jen ma nghidilhomx 'le', imma bejnietna jen "UNO" biss naf nikteb fimt, ghax jen qat ma mort skola, signur, u qat mas-soponejt li se nigi n'ivvota, u n'ghajdlek is-sewwa anqas naf ghalmin se niv-vota.
Asst.Com: Tajjeb, ha din il karta tal Vot u poggi in-Numru 1 inti stess ghal minn jogbok. Hemm, hemm ir-Ritratti arahom, embat in-Numru 2 u l'ohrajn inkompliomlok jena. (Jqum jurihomlu) Ghara dawn Nazionalisti, dawn Laboristi etc..etc.. .
PEPPINU Hatli rasi taf! Qet tFixkilni !!! Ghara imlieli inti, tista signur, jen manafx n'ivvota.
Asst.Com: Tajjeb(Ipoggi bil qeda) Ghajdli ghal min tridni nati in-No.1.

Peppinu (Ipoggi iz-Zarbun fuq il mejda) Han-nghidlek.

Asst Com: Nehhili dal hmieg min hawn (Itajjarulu fl'art)
Peppinu Alright Wieq, (lil Pulizia) Ghalaqlu il bieb li ma jehux rih, miskin. Kemm tishon Signur !
Asst. Com: Ara fittex ehlisni halli jithlu l'ohrajn .
Peppinu (Ipoggi bil qeda fuq l'iskrivanija) Allura inti biex tinsulentani jew, waddabtli iz-zarbun fl'art ?
Asst.Com: Ahna hawn ma ninsulentawx nies ! Inzilli minn hemm ! Ehlisni ~~Peppinu~~ ghalmin trid tiv-vota ?
Peppinu (Iqum jara ir-ritratti) Kif hawn in-nisa ukoll ?
Asst.Com: Iva !
Peppinu Mela Ghallura m'ghandomx fiducia izzjed fl'irgiel jew ? Kif, jena irrid li tikmandani mara, allura ?
Asst.Com: Ehlisni, Ghazel ghal minn se tiv-vota !
Peppinu (Imur fuq l'Asst.Com. u itaptaplu fuq spallejh bil hlewwa) Almin se tiv-vota inti, Brix ?
Asst Com: Tiehux kunfidenza, mhux affarik, sen keccik il barra bil pulizia !
Peppinu Alright Hija ! Kollox sewwa Sieheb ! Ahna malajr nir-rangaw Sur !(Jarga imur ihares lejn ir-ritratti) Ara din, din rajta darb'ohra, din il mara hawn. Taf li din il mara biss ragel fosthom ilkol ? Iva din biss ragel .Ghalekk tigha l'UNU; u lil ohrajn marrid intihom xejn.
Asst.Com: Dik biss ?
Peppinu Iva, l'ohrajn hallihom b'xiber imnieher !
Asst.Com: Ha itfa il vot tighek fil kaxxa.(Jitwieh).
Peppinu (Jitfahha, jaqbad iz-zarbun u jitlaq, huwa u hiereg jaddi din ir-rimarka ghal Pulizia) Signur, lil dan x'gibtuh jamel biex ifarfrilkom l'ghamqbut tas Saqaf jew ??